**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 596/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 35.**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
**Triq Agius De Soldanis,**
**Santa Venera**
**Vs**
**Maximilian Debarro (K.I.306594M)**
**3, Family, Flat 1,**
**Triq Nuzzo,**
**Hamrun**

It-Tribunal,

o

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta fis-16 ta' Dicembru, 2016 li permezz tieghu l-Awtorita' rikorrenti talba minghand l-intimat l-hlas ta' elf mija u sitta u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,146.52c) rapprezentanti danni u hsara kkawzati mill-intimat fit-28 ta' Dicembru, 2014 meta waqt li l-intimat kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BEN 131 il-vettura kienet involuta f'incident tat-

traffiku bil-konsegwenza li sar dannu fuq 'crash barriers' li jinsabu fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida ghal liema danni u hsara huwa responsabbli l-intimat.

Ra r-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa li t-talba attrici qed tigi kontestata mill-konvenut stante li huwa mhuwiex responsabbli ghal hsarat kollha li ghalihom qed jintalab hlas minghandu u kwindi l-quantum tad-danni pretiz huwa esagerat u qed jigi kontestat.

A fol 23 xehed Nicholas Baldacchino li mill-file tieghu jirrizulta li sar incident fit-28 ta' Dicembru, 2014 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Msida u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BEN-131 misjuqa mill-konvenut u saret hsara fuq 'crash barrier' fejn sar hsara fuq sittax-il metru 'crash barrier' fuq naha u sittax-il 'metru' fuq in-naha l-ohra tat-triq ghax bid-daqqa z-zewg nahat tal-'crash barrier' saret hsara estensiva ghaliex kienet mghawga. Tali hsarat jammontaw ghal elf u tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,023.68c) li huma tnejn u tletin metru ta' 'crash barrier' bit-thirty one ewro tlieta u disghin centezmu (€31.93c). Il-hsara ssewwiet u dawn gew jiswew elf mija u sitta u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,146.52c).

In kontro-ezami Baldacchino xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' Legal Support Manager fi hdan ir-Roads and Infrastructure Directorate u li Field Officer Jean Paul Cefai kien mar fuq il-post fid-29 jew 30 ta' Dicembru, 2014 u ha r-ritratti li gew esebejti u juru l-'crash barrier' li kienet bi hsara u hu kemm kejjel li kellu jirranga bhala 'crash barriers' u hemm l-linji li juru li kellu jibdel erbgha min-naha u awtomatikament kellu jinbidel ta' warajhom ukoll. Kien hemm erbgha li nqalghu totalment minn mal-pilastru u kellhom jinbidlu totalment ghax qalghu daqqa kbira. Huwa jghid li dawn issewwew. Huwa kkonferma li huma sewwew sittax-il metru ta' 'crash barrier'. Huwa jammetti li minn dakinhar tal-incident regghu habtu fihom.

A fol 24 kompla l-kontro-ezami ta' Nicholas Baldacchino li xehed li ghamel il-verifika u sab li n-numru ta' metri li kienu inbidlu kienu tnejn u tletin (32) metru u dan minhabba l-fatt li bid-daqqa li qalghet il-'crash barrier' inqalghu sittax-il metru min-naha u sittax-il metru min-naha l-ohra. Dan ifisser li kellhom jinbidlu mis-saqajn dawn il-'crash barriers'. Meta jinbidlu mis-saqajn trid tibdilhom totalment u kull fejn jitqactu trid tbiddel il-wita

kollha. A fol 20 jidher li nqalghu erba' meddiet minn wara u minn quddiem u ghalhekk kellhom jinbidlu minn wara wkoll. Huwa jghid li r-ritratt a fol 20 ittiehed ezatt meta saru l-hsarat u kien mehmuz fil-file taghhom mar-rapport tal-Pulizija u e-mail li ntbaghtet mill-Pulizija stess lill-Awtorita' rikorrenti jghid li grat din il-hsara. Tali ritratt huwa parti mill-police report u ma setax jghid min hadu dan ir-ritratt. Bhala prova li inbidlu tnejn u tletin (32) metru ta' 'crash barriers' huwa esebixxa l-'works order' li harget mill-Perit Noel Gauci u mill-Field Officer Jean Paul Cefai u kien il-Field Officer li kkalkula tnejn u tletin (32) metru u l-prezz ta' kemm jigi x-xoghol qabel ma ghamel ix-xoghol. Huwa pprezenta l-kont tal-kumpanija Road Maintenance Services li ghamlet ix-xogholijiet. Huwa pprezenta ritratt NB6 li huwa ritratt tax-xogholijiet lesti.

A fol 47 l-istess Nicholas Baldacchino pprezenta dokumenti li juru x-xogholijiet li saru minn Road Maintenance Services Limited u l-invoices li thallsu tax-xogholijiet.

In kontro-ezami huwa spjega li l-pjanta kull ma tkun hija 'works order' biex jghidu lil kuntrattur sabiex imur jibdel il-'crash barriers' kif indikati fil-pjanta u li l-ahhar pagna ta' Dok NBX2 a fol 56 juru r-ritratti li ttiehdu minn San Giljan direzzjoni Santa Venera. Minn Dok NBX 3 jirrizulta d-danni kawzati u li dok NBX2 huwa l-kont li baghtu lil Road Maintenance Services. Mistoqsi mit-Tribunal biex jipprezenta rendikont ta' kif waslu ghal dan l-ammont ta' danni x-xhud wiegeb li d-danni gew kalkulati fuq tnejn u tletin (32) 'metru' ta' 'crash barrier' u ma setax jipprezenta dan ir-rendikont.

Izda a fol 66 huwa rega xehed u mmarka bl-isfar il-kwantita' u r-rata tal-metragg (fol 68).

A fol 70 fl-affidavit tieghu l-intimat jammetti l-incident u li dan gara fit-28 ta' Dicembru, 2014 u li kien gej min-naha ta' Santa Venera direzzjoni lejn San Gwann. Kif kien hiereg mit-triq tal-genb ghal fuq Triq Mikiel Anton Vassalli twassal ghal mini ta' taht li skate park fejn l-Universita' u qabad id-dawra skidja bil-karozza u habat mal-'crash barrier' li kien hemm. Huwa jghid li impatt iwhed kellu u ma tkaxkarx mal-'crash barriers' u jaf li mal-impatt dawritu lejn il-karregjata ta' gewwa. Huwa esebixxa ritratt Dok MDB1 biex juri l-impatt mal-'crash barrier'. L-intimat li huwa laqghet biss pjanca wahda tal-'crash barrier' li kellha xi erba' metri tul. Missieri mar fuq l-post. Kien sena wara li ircieva talba ghal hlas mill-Awtorita' rikorrenti fl-ammont ta' elf mija u sitta u erbghin ewro u tnejn u hamsin

centezmu (€1,146.52c) ghal sittax-il metru 'crash barrier' ghal darbtejn. Kif informa lil missieru b'dan missieru ghadda mill-post tal-impatt u hemmhekk sab li kienet biss l-'crash barrier' li habit fiha hu li kienet inbidlet tant hu hekk li l-kulur taghha kien iktar car minn dak tal-'crash barriers' l-ohrajn (ritratt dok MDB2). Huwa lest li jhallas biss ghal tul ta' erba' metri fl-ammont ta' mija sebgha u ghoxrin u sitta u disghin centezmi (€127.96c) biss.

A fol 74 missier l-intimat Michael Debarro xehed li lejn l-ahhar tas-sena 2014 meta mar fuq l-post tal-incident dakinhar stess kien ghad hemm l-pulizija tat-traffiku jaghmel rapport tal-incident u ra l-vettura ta' ibnu fil-karregjata ta' gewwa izda jidher li l-impatt sehh mal-'crash barrier' li hemm fil-karregjata ta' barra li bil-konsegwenza taghha l-vettura intefghet fil-karregjata ta' gewwa. Huwa fuq l-post ra hsara fuq 'crash barrier' wahda li tidher fir-ritratt MDX1 li hija twili erba' metri u dan jafu ghax kejjilha huwa stess. Apparti dan fuq in-naha ta' wara taghha hemm 'crash barrier' ohra izda bejniethom hemm spazju ta' pied u l-'crash barrier' ta' wara ma garbitx hsara. Meta ibnu ircieva t-talba ghal hlas minghand l-Awtorita' rikorrenti huwa rega mar fuq l-post u sab li l-'crash barrier' kienet inbidlet izda inbidlet biss l-'crash barrier' li kien laqghat maghha ibnu u l-'crash barrier' ta' wara lanqas inbidlet. Huwa spjega li r-ritratt Dok MDX2 juri bic-car li l-'crash barrier' mibdula hija ta' kulur differenti minn dawk li kien hemm fuq il-post.

Ra d-dokumenti kollha prodotti mill-partijiet.

Semgha l-avukati tal-partijiet jitrattaw il-kawza fejn l-Awtorita' tikkontendi li daqqa ta' 'barrier' ma jfissirx li ma tkunx trid tbiddel l-'barriers' kollha filwaqt li l-konvenut jghid li huwa qed jikkontesta l-quantum u li l-Awtorita' ma gabet ebda provi li huwa ghamel hsara f'dawk il-'crash barriers' kollha.

It-Tribunal,

F'din il-kawza kulhadd jaqbel li l-konvenut kellu incident bil-karozza; kulhadd jaqbel dwar id-data u l-post tal-incident; ma hemmx qbil izda dwar il-quantum tal-hsarat kawzati mill-konvenut. Il-konvenut jghid li huwa laqghat 'crash barrier' wahda u fuq il-post jidher li 'crash barrier' wahda biss inbidlet u ghalhekk huwa jammetti li ghandu

jhallas ta' wahda filwaqt li l-awtorita' attrici tghid li hija kellha tbiddel tnejn u tletin 'crash barrier' u ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas taghhom kollha.

L-Awtorita' tikkontendi li hija kellha ssewwi tnejn u tletin (32) metru ta' 'crash barrier' bir-rata ta' wiehed u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€31.99c) kull metru (fol 22) u a fol 68 l-Awtorita' tghid li dan jirrizulta mill-kont li hija irceviet minghand il-kuntrattur taghha Road Maintenance Services Limited (fol 22 ) u a fol 68 ir-rapprezentant tal-Awtorita' rikorrenti indika bl-isfar kif l-Awtorita' waslet ghal dan l-ammont cioe' ta' tnejn u tletin (32) 'crash barrier' bir-rata ta' wiehed u tletin ewro u disgha u disghin centezmu (€31.99c) ghal kull 'crash barrier'; fl-istess kont jirrizulta li dakinhar cioe' fl-01 ta' April, 2015 saru xogholijiet fuq tnejn u tletin (32) 'crash barrier' ohra.

A fol 7 mir-rapport tal-pulizija Rossana Seychell stqarret li l-pulizija li rat lill-konvenut jahbat mal-'crash barrier'; u a fol 8 l-pulizija nizzel 'crash barrier' bhala 'damaged property no 1'. Minn imkien ma hemm imnizzel li kien hemm aktar minn 'crash barrier' wahda li sarilha hsara. Il-kont a fol 30 intbaghat lil Awtorita' fl-04 ta' Gunju, 2015 li minnu jirrizulta li x-xogholijiet saru fl-01 ta' Arpil, 2015 cioe' tlett xhur wara l-incident. Dan ghalhekk jikkorobora dak li dejjem stqarr il-konvenut cioe' li huwa 'crash barrier' wahda laqghet.

Il-konvenut jiddikjara li huwa lest li jaghmel tajjeb ghal hsara f'din il-'crash barrier' liema hsarat skont hu fl-affidavit tieghu a fol 71 jammontaw ghal mija u sebgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€127.96c) cioe' ghal 'crash barrier' twila erba' metri.

Kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet: **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

It-Tribunal jinnota li dik it-triq hija wahda traffiku immens, li l-kont intbaghat lill-Awtorita' minn min ghamel ix-xogholijiet fl-04 ta' Gunju, 2015, li x-xogholijiet saru fl-01 ta' April, 2015 skont l-istess kont a fol 30 u ghalhekk dan it-Tribunal meta kkonsidra l-provi kollha prodotti qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tal-Awtorita' u jordna lil konvenut ihallas lill-Awtorita' ihallas is-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€127.96c) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**